# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum il-21 ta' Novembru 2019**

Appell numru 478 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Haj Habbo ADNAN**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-13 ta' Novembru 2017 fil-konfront ta' Haj Habbo ADNAN, karta tal-identità bin-numru 0104112A li ġie mixli talli (in suċċint) :

   i. Saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DNS 555, b'manjiera perikoluża;
   ii. traskurata u
   iii. bla kont;
   iv. B'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel xi ħsara jew għarraq xi ħaġa u minħabba f'hekk Roger Spagnol

baghħta offiża gravi fuq il-persuna tiegħu liema offiżi ġabu konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali;
v. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku ħabat ma vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni RME 100 u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Roger Spagnol.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddisponiet minn din il-kawża bil-mod segwenti :

   Saret it-trattazzjoni tal-partijiet.
   Il-Qorti tikkundanna għal ewwel tlett imputazzjonijiet multa ta €1, 164.69, ghar-raba' imputazzjoni tikkundannah ghal multa ta' €2,329.39 u ghal ħames imputazzjoni tikkundannah ghal €500.

3. Illi permezz ta' rikors datat 21 ta' Novembru 2017 Haj Habo ADNAN interpona appell mis-sentenza imsemmija aktar il-fuq fejn huwa saħaq li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti kif ukoll li staħet fuq provi li ma kienux l-aħjar provi fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Inoltre protesta wkoll fir-rigward tal-piena inflitta lilu in kwantu jgħid li din kienet toħroġ barra mill-limitu preskritt mill-Liġi.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell kemm l-Uffiċjal Prosekutur kif ukoll l-Avukat Difensur qablu li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma kienetx tissodisfa l-vot tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali minħabba l-fatt illi :

(a) Fil-parti disposittiva tas-sentenza il-Qorti tal-Maġistrati ikkundannat lill-imputat appellant iħallas multi mingħajr ma qabel iddikjarat ta' liema fatti kienet **<u>qegħdha ssibu ħati</u>**;

(b) Kif ukoll fl-istess parti disposittiva il-Qorti tal-Maġistrati **<u>naqset milli ssemmi l-artikolu tal-Liġi</u>** li jikkontempla r-reat.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi minn qari tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, jirriżulta li l-partijiet għandhom raġun. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza, il-Qorti tal-Maġistrati ikkundannat lill-imputat appellant għal tliet multi fir-rigward tal-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, mingħajr pero ma ddikjarat li kienet qegħda ssibu ħati għal dawn l-istess imputazzjonijiet. Biex tkun tista' tinfliġġi l-piena, Qorti ta' Ġustizzja Kriminali trid qabel xejn tiddikjara li tkun qegħda ssib ħtija fl-imputat jew akkużat ta' fatti li jkunu ġew imputati lilu li jkunu jikkostitwixxu reat u li l-eżistenza tagħhom tkun ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-Liġi.

6. Aktar minn hekk jirriżulta wkoll li mkien fis-sentenza tagħha l-Qorti ma semmiet l-artikoli tal-Liġi li jikkontemplaw ir-reat jew reati li tagħhom l-imputat ikun ġie misjub ħati dwarhom.

7. Illum huwa *ius receptum* li tali nuqqas t'adeżjoni mar-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huwa meqjus bħala nuqqas ta' formalita sostanzjali li jimporta n-nullita tas-sentenza appellata, li saħansitra jista' anke jitqajjem *ex officio*.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-*doppio esame,* qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***